Dipartiment
tax-Xogħlijiet Pubbliċi

# Fuq il-Lant

Ħarġa Nru 1 - Ottubru 2021

## Introduzzjoni mid-Direttur Ġenerali, il-Perit Stephen Bonello



Ħbieb,

Kien ilu jberren f'moħħna l-ħsieb li jkollna l-iNewsletter tagħna u fl-aħħar wasal il-mument li nippubblikaw l-ewwel edizzjoni. Permezz ta' din l-iNewsletter, ser jinħoloq mezz ta' kif insiru nafu aktar dwar il-ħaddiema ta' dan id-Dipartiment u x-xogħlijiet li dan iwettaq matul iż-żmien. Barra minn hekk, ser jibda jitwassal lilkom tagħrif ieħor ta' interess b'konnessjoni ma' dak li jkun għaddej fid-Dipartiment tagħna.

B'umiltà ngħid li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi minn dejjem kien impenjat biex iwettaq xogħlijiet għall-ġid tal-pubbliku Kif tindika l-istorja tiegħu, dan id-Dipartiment kien u għadu responsabbli għal bosta proġetti ta' importanza kbira għal pajjiżna.

Bħalissa d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għaddej bi proċess ta' trasformazzjoni. Dan il-proċess jinkludi rinovazzjoni tal-binjiet li nużaw, investiment f'makkinarju ġdid, sistemi tat-teknoloġija tal-informatika moderna, u taħriġ tal-ħaddiema. Dan ser iwassal biex inwettqu l-viżjoni tagħna li l-proġetti kollha li nwettqu jkunu konformi mal-miri tat-tibdil fil-klima u ta' żvilupp sostenibbli.

Għalhekk nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom għall-impenn u d-dedikazzjoni tagħkom waqt il-qadi ta' dmirijietkom, kif ukoll lill-familjari tagħkom li ħafna drabi jkunu warajkom waqt li tkunu għaddejjin bil-ħidma tagħkom.

Saħħa u tislijiet,

il-Perit Stephen Bonello
Direttur Ġenerali

COMMUNICATIONS UNIT
DIPARTIMENT TAX- XOGĦLIJIET PUBBLIĊI
2292 2292
info.pwd@gov.mt
publicworks.gov.mt
Public Works Department Malta



# Proġett ta' riġenerazzjoni, tisbiħ u taffija tal-għargħar fl-Imqabba

Wieħed mill-akbar proġetti li saru dan l-aħħar u li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien responsabbli għalih kien dak tal-Imqabba. Fost ix-xogħol ewlieni kien dak li tiġi eliminata l-problema tal-għargħar mill-ilma tax-xita. Fl-istess waqt sar tisbiħ fil-qalba ta' dan ir-raħal pittoresk.

F'art tal-gvern, fuq ix-xaqliba l-oħra, ġie maqtugħ ġibjun kbir ġdid. Dan ġie mfassal biex meta jimtela, jforni lill-pjan tal-ilma ta' taħt l-art u b'hekk jgħin fis-sistema ekoloġika. Il-ġibjun qed jiġbor l-ilma permezz ta' komunikazzjoni ġdida ta' katusi li għaddejjin minn taħt l-art, li jiġbru l-ilma minn diversi toroq fil-parti ċentrali tal-Imqabba.

**Dan il-proġett kien imqassam fi tliet fażijiet:**

**L-ewwel fażi**
Din kienet tikkonsisti fi tqegħid ta' katusi wesgħin metru li tqiegħdu daqs tliet metri fond taħt l-art. Din is-sistema ta' katusi għaqqdet il-pjazza u t-toroq ta' madwar il-ġibjun il-ġdid.

**It-tieni fażi**
Fit-tieni fażi tal-proġett sar it-tqattigħ u l-bini tal-ġibjun il-ġdid li fih ser ikun qiegħed jinġabar l-ilma tax-xita tal-parti ċentrali tal-Imqabba u l-madwar. Il-ħamrija li tneħħiet biex ikun jista' jsir ix-xogħol tal-ġibjun il-ġdid, reġgħet tqiegħdet f'postha biex ir-raba' jkun jista' jkompli jinħadem u l-ilma tat-tisqija jkun jista' jittieħed mill-istess ġibjun.

**It-tielet fażi**
Fil-pjazza u t-toroq li jagħtu għaliha saret komunikazzjoni biex jinġabar l-ilma tax-xita u jgħaddi minn taħt l-art għall-ġibjun. Ġew mgħoddija s-servizzi kollha bħal tal-ilma u tad-dranaġġ, elettriku, komunikazzjoni eċċ. minn taħt l-art, ħalli hekk tkompli tingħata dehra aktar pulita liċ-ċentru tal-Imqabba. Sar il-pavimentar kollu b'ċangatura addattata fuq disinn sabiħ li jkompli joħloq armonija u ħlewwa lill-qalba ta' dan ir-raħal pittoresk. Dan flimkien ma' xogħlijiet intensivi ta' restawr fuq l-erba' statwi u pedestalli tal-ġebel li jdawru z-zuntier kif ukoll fuq ir-rixtellu tal-ħadid tal-istess zuntier.





## Riġenerazzjoni ta' Ġnien Għar Barka fir-Rabat

**Dan il-proġett ġie inawgurat is-Sibt 27 ta' Marzu 2021. Ix-xogħol kien jikkonsisti f'kostruzzjoni ta' tliet pjattaformi, pavimentar, għamara ta' barra għall-familja, sistema ġdida ta' dwal kif ukoll sistema moderna ta' irrigazzjoni. Dan il-ġnien huwa mħares b'kameras tas-siġurtà waqt li l-pubbliku għandu aċċess għall-WIFI b'xejn.**

## Tisbiħ tal-bandli fi Triq il-Mitħna f'Ħaż-Żebbuġ



Bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet fuq proġett ta' tisbiħ u riġenerazzjoni fi spazju miftuħ ġewwa Triq il-Mitħna f'Ħaż-Żebbuġ. Dan il-proġett jinkludi żoni ta' rikreazzjoni bil-għan li jintlaħqu etajiet differenti ta' tfal kif ukoll adolexxenti. Dan il-proġett ser jiswa' madwar €300,000 u qed jinkludi diversi fażijiet ta' xogħol.

Diġà saru l-ewwel xogħlijiet infrastrutturali u ta' livellar kif ukoll ta' tħaris u mmaniġġjar tal-ilma tax-xita. Għaddej ix-xogħol ta' tqegħid ta' ċangatura u pavimentar li se jsegwi bit-tħawwil ta' siġar u arbuxelli. Issegwi mbagħad intstallazzjoni ta' għamara ta' barra u tagħmir modern ieħor ta' rikreazzjoni għat-tfal u l-adolexxenti. Il-post ser jiġi mdawwal b'installazzjoni moderna li tikkonsma ftit enerġija kif ukoll ser ikun hemm parkeġġ sigur għar-roti.

B'hekk ix-xogħlijiet tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jkomplu jkunu ta' ġid għall-pubbliku u għall-komunità.



# Il-Park Nazzjonali f’Ta’ Qali

Bla dubju li l-akbar proġett li għaddej bħalissa mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi huwa l-Park Nazzjonali f’Ta’ Qali. Dan il-Park ser ikun imqassam fi tliet żoni prinċipali bl-aktar ammont ta’ xogħol li għaddej bħalissa fuq iż-żona tal-kunċerti. Spazju li kien okkupat minn fabbrika tal-konkos u binjiet u strutturi oħra qed jinbidel f’post mgħammar apposta għall-kunċerti fil-beraħ li se jkun jista’ jakkomoda folla kbira.

Dan l-ispazju miftuħ se jkun imqassam f’diversi pjanuri bi tliet passaġġi prinċipali tad-dħul, b’kull wieħed fuq żewġ livelli. Il-faċilitajiet sanitarji ser ikunu taħt il-livell tal-art, filwaqt li l-palk prinċipali ser ikollu meded ta’ faċilitajiet u spazju ieħor adekwat ukoll taħt l-art.

Din iż-żona tal-kunċerti hija ppjantata b’sensiela ta’ seba’ strutturi mibnija għat-tond tul il-periferija ta’ dan l-ispazju miftuħ.

Ġibjuni tal-ilma qed jinbnew ukoll biex l-ilma tagħhom jintuża għat-tisqija.



## XOGĦLIJIET TAD-DIRETTORAT TAL-MANIFATTURA U SERVIZZ

Id-Direttorat tal-Manifattura u Servizz jagħmel xogħlijiet ta' inġinerija, manifattura, tiswijiet u manutenzjoni fid-diversi Ministeri, Dipartimenti u Entitajiet Governattivi.  Id-Direttorat jinkorpora fih numru ta' sezzjonijiet:

Mastrudaxxi, Ħaddieda, Elettriku, Plumbing, Aluminju, Traffic Lights, Belishia Lights, Mekkaniks, Sprayers, Tellara, Funtani, Air Conditions u Manutenzjoni.

Il-koperattiva tat-tabelli u s-sinjali, Koptasin, ukoll tagħmel parti minn dan id-Direttorat.






## INTERVISTA MAL-PERIT CARM MIFSUD BORG
## L-EKS DIRTTUR ĠENERALI FI ĦDAN ID-DIVIŻJONI TAS-SERVIZZI



Il-ħidma tal-Perit Carm Mifsud Borg kienet ta' impenn kbir fi proġetti kbar għall-pajjiżna.  Fi kliemu stess dawn il-proġetti tawh l-opportunità li jtejjeb l-għarfien tiegħu f'diversi tipi ta' proġetti kif ukoll fil-liġijiet tal-Kodiċi Ċivili u Regolamenti li għandhom x'jaqsmu mal-bini. Fost ix-xogħlijiet li għamel, jew ta, il-kontribut tiegħu, wieħed isib il-bini ta': djar u flets; impjanti sportivi; telephone exchanges; ħangar għall-ajruplani;  runway prinċipali tal-ajruport; sptar mentali;  mini għat-traffiku;  fabbriki;  sistemi tad-drenaġġ;  impjanti li jippumpjaw u jittrattaw id-drenaġġ; toroq; mollijiet u l-breakwater ta' Marsaxlokk; ġibjuni;  flimkien mal-mini u sistemi għat-taffija tal-għargħar.

Il-Perit Mifsud Borg għamel żmien ukoll bħala project manager għad-disinjar ta' pont bejn Malta u Għawdex.  Aktar  'il quddiem huwa kellu wkoll rwol prinċipali biex issir il-*Building Regulation Act* fejn biha ġew stabbiliti l-*Building Regulation Board* u l-*Building Regulation Office.*  Dawn ġew inkorporati fil-*Building Regulation Agency* u fit-tfassil ta' regolamenti tal-bini ġodda biex ikunu fidili mar-regolamenti dwar l-effiċjenza tal-bini fl-użu tal-enerġija u regolamenti ta' sigurtà kontra n-nirien.

Hemm seba' proġetti li huma l-aktar għall-qalb il-Perit Mifsud Borg.  Erbgħa minnhom twettqu u tlieta oħra għadhom f'livell ta' disinn. L-erba' proġetti li twettqu huma:  il-mini ta' taħt ir-runway li jagħtu għal Ħal Kirkop;  l-Istejdjum Nazzjonali tal-futbol ġewwa Ta' Qali;  il-mini u culverts għat-taffija tal-għargħar f'Birkirkara, l-Imsida u ż-żoni tal-madwar, Ħaż-Żebbug u Ħal Qormi, Ħaż-Żabbar u Wied il-Għajn;  u l-isptar mentali ta' Għawdex.

It-tliet proġetti li ma sarux huma l-bini:  ta' underpass għall-vetturi taħt Triq Sant Anna l-Furjana sabiex din it-triq tkun imsebbħa u ssir pedonali;  pont bejn Malta u Għawdex;  u mina taħt il-Belt Valletta biex tipprovdi passaġġ sigur għall-laneċ tal-passiġġieri u mod alternattiv ta' trasport li jgħaqqad il-parti ta' tas-Sliema/il-Gżira u l-Kottonera maċ-ċentru tal-Belt Valletta.  Il-Perit Mifsud Borg ippropona dan il-proġett madwar wieħed u għoxrin sena ilu meta kien jagħmel parti mill-*Valletta u l-Cottonera Rehabilitation Committee*.

Ilum il-Perit Carm Mifsud Borg huwa wieħed mill-konsulenti tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

## Periti li ngħaqdu magħna dan l-aħħar.



**Stephen Centorrino**
**Junior Architect and Civil Engineer PDED**



**Mark Vella**
**Junior Architect and Civil Engineer PDED**



**Mark Camilleri**
**Graduate Architect and Civil Engineer CSU**



**Lucia Buhagiar**
**Graduate Architect and Civil Engineer RPU**



**Victoria Camilleri**
**Junior Architect and Civil Engineer PDED**